MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 56/2013

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv ta’ AB u ta’ CB;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Frar, 2013;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta’ Lulju 1995;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat in-nota tar-rikorrenti CB li permezz taghha talbet illi tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe’ X;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal disa' (9) snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi huma kienu irrinunzjaw ghal kull dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------